**16 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., (Hons) LL.D.**

Joseph Aquilina Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Reliġjużi Djoċesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess il-Venerandu Monasteru ta' Sant' Ursula l-Belt Valletta

*versus*

Edgar Ellul

**Enfitewsi - Ċens - *Canone* - Ħlas ta' - Obbligazzjonijiet Assunti mis-Subenfitewta - Subenfitewta - Rikonoxximent - Solidarjetà f'Enfitewsi - Indivisibilità f'Enfitewsi - Att XXVII tal-1976 - Dritt Transitorju - Azzjoni għall-Ħlas taċ-Ċens - Preskrizzjoni - Azzjoni Perenta - Art. 2156 (a) tal-Kodiċi Ċivili**

*L-attur fittex għal arretrati ta' ċens u ta' lawdemju. L-azzjoni ġiet diretta kontra s-subenfitewta għal obbligazzjonijiet dovuti mill-enfitewta. Ġie eċċepit oltre l-preskrizzjoni kwinkwennali illi l-konvenut ma kellux relazzjoni ġuridika.*

*Il-kwistjoni irrisolviet ruħha sa fejn l-obbligazzjonijiet assunti mill-enfitewta huma trasmessi lis-subdirettarju.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-ħlas tal-kanone jiggrava fuq il-proprjetà u li l-proprjetà hi l-garanzija tal-pagament tiegħu u tagħmel tajjeb għalih versu d-direttarju. Dan ifisser illi s-subenfitewta sew jekk mhux rikonoxxut mid-direttarju u aktar u aktar jekk hu rikonoxxut hu obbligat li jagħmel tajjeb bil-proprjetà, għall-ħlas taċ-ċens. Hu wkoll obbligat li josserva l-adempiment ta' dawk il-klawsoli tal-koċessjoni enfitewtika oriġinali li jimponu kondizzjonijiet fuq iċ-ċenswalista favur id-direttarju bħala parti mill-konsiderazzjonijiet tal-għoti tal-konċessjoni. Dawn huma kondizzjoni li bħaċ-ċens jiggravaw il-proprjetà u jikkondizzjonaw it-tgawdija tagħha mill-enfitewta u s-suċċessuri tiegħu. Jispetta lis-subenfitewta li jivverifika sewwa l-provenjenza tal-proprjetà li kien intenzjonat jieħu b'enfitewsi temporanja u jaċċerta ruħu mill-kondizzjonijiet li kellu jissodisfa lid-direttarju skond ma jkun ġie minnu impost fil-konċessjoni oriġinali. Jekk ma jagħmilx hekk, dan huwa a riskju tas-subdirettarju: l-inadempjenza jew in-nonkuranza tiegħu bl-ebda mod ma tista' tippreġudika d-drittijiet tad-direttarju, lanqas ma jista' s-subenfitewta jeżonora ruħu mill-obbligu minnu assunt sempliċement billi jsostni illi min ikkonċedielu l-proprjetà ma imponiex fuqu dawk il-kundizzjonijiet*

*li d-direttarju kien oriġinarjament impona. Jibqa' dejjem direttament responsabbli versu d-direttarju għall-adempiment ta' dawn l-obbligi salv li f'ċerti każi jista' hu jkollu dritt ta' regress kontra min ikun ikkonċedielu l-proprjetà.*

*Riflessjonijiet tal-Qorti dwar is-solidarjetà u l-indiviżibilità ta' l-obbligazzjonijiet assunti mill-enfitewta fid-dawl ta' l-emendi introdotti ATT XXVII tal-1976. Din il-Liġi obbligat lid-direttarju li jirrikonoxxi direttament lis-subenfitewta u aboliet s-solidarjetà u l-indiviżibilità taċ-ċens prattikament għal kollox.*

*Il-Qorti ta' l-Appell għalhekk sabet illi ċerti klawsoli ta' pagament ma kinux applikabbli għall-konvenut fosthom l-awment fiċ-ċens pretiż mill-attur li ma kinux validi u effikaċi fil-konfront tal-konvenut. Ma kien hemm imkien fil-kuntratt ikkontemplata ż-żieda awtomatika kif ippretenda l-attur.*

*Il-kulturi ta' l-istudju tal-Prinċipju Ġenerali tad-Dritt u speċifikament tad-Dritt transitorju japprezzaw ir-riserva li għamlet il-Qorti ta' l-Appell dwar il-validità ta' ċerti klawsoli tal-kuntratt taħt eżami.*

*Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ġiet irriformata fis-sens illi t-talbiet ġew ridotti in kwantu effikaċi kontra l-konvenut u dawn ukoll parzjalment milqugħa in kwantu l-azzjoni perenta bid-dekors taż-żmien.*

Il-Qorti:-

Rat it-talba ta' l-attur *nomine* li biha talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160) kwantu għal Lm150 ammont ta' ċens dovut fuq il-*garage* AB fi Grant Mansions, Triq il-Maħsel, San Tumas, Marsaskala għall-perjodu mis-17 ta' Ottubru, 1978 sas-16 ta' Ottubru, 1993 u kwantu għal Lm10 ammont ta' lawdemju dovut fuq l-akkwist li għamel fil-31 ta' Awissu, 1978 in atti Nutar Dottor George

Bonello Du Puis (Dokument AA) (ara ittri tat-23 ta' April, 1982; 3 ta' Mejju, 1982; 18 ta' Novembru, 1987 u l-kuntratt oriġinarju ta' l-24 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Dr. Francis Micallef li qed jiġu mmarkati Dokumenti BB sa EE;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"1. Il-preskrizzjoni kwinkwennali *ai termini* ta' l-Artiklu 2156 (a) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sa fejn applikabbli;

2. Illi huwa ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine*;

3. Illi f'kull kaz l-azzjoni attriċi hija nsostenibbli għaliex ma jeżisti ebda att illi jistipula li huwa għandu jħallas l-ammont rikjest lill-attur u jekk fl-att oriġinarju hu stipulat illi ebda ċessjoni futura ta' porzjon mill-art in kwistjoni ma kellha tiġi ċeduta għal ċens annwu li jkun inqas minn Lm10, l-attur kellu azzjonijiet oħra għad-dispożizzjoni tiegħu u mhux dik odjerna;

4. Illi huwa ħallas iċ-ċens f'dawn l-aħħar snin lill-ċertu Joseph Gambin ta' 6, St. Nicholas Street, Sliema u għalhekk jirriserva d-dritt li jikkjamah fil-kawża;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Mejju, 1993, li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talba attriċi, bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Mejju 1993 li biha interpona appell minnha quddiem din il-qorti;

Rat il-petizzjoni ta' l-istess konvenut appellant li hekk iddeduċa l-aggravju tiegħu:

"L-ewwelnett l-obbligazzjonijiet ta' l-esponent huma naxxenti biss mill-att ta' akkwist tiegħu li ma mponilux il-ħlasijiet li qed jiġu mitluba mill-attur f'din il-kawża. Kif jidher ċar mid-deposizzjoni tax-xhud li pproduċa, huwa adempixxa dan l-obbligu ma' min għandu relazzjoni ġuridika skrupoložament. Jekk min ittrasferilu naqas li jimponilu xi kundizzjoni li kienet ġiet imposta fl-att ta' trasferiment oriġinali in atti Dottor F. Micallef (24.2.67) dan ċertament mhux tort tiegħu u għandu jirrispondi għalih din il-persuna u mhux l-esponent;

In kwantu mbagħad għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali d-dekorriment tal-perjodu preskrittiv joħroġ ċar mill-atti tal-kawża, senjatament dawk id-dokumenti stess prodotti mill-attur. Il-Qorti tal-Maġistrati skartat b'leġġerezza din l-eċċezzjoni għax qalet li l-atteġjament ta' l-esponent ma kienx ta' persuna li trid tipprevalixxi ruħha mill-preskrizzjoni. Dan hu ċertament kunċett ġuridiku inesistenti għaliex fejn jirrigwardja l-preskrizzjoni *una volta* ppruvata mill-atti, kellha tkun fuq l-attur l-inkombenza li jipprova l-interruzzjoni ta' l-istess jew inkella jipprevalixxi ruħu mill-artiklu speċifiku tal-Kodiċi Ċivili illi jtella' l-kovenut biex jixhed dwar jekk l-ammont hux dovut, ħaġa li l-attur ma għamilx waqt il-ġbir tal-provi;"

L-attur nomine appellat, jikkontesta dan l-aggravju hekk:

"(a) kien dmir preċiż tiegħu li qabel jixtri jagħmel ir-riċerki neċessarji li mhux soltu jkunu limitati biss għall-persuna tal-bejjiegħ imma normalment wieħed jistenna li l-kompratur jew min ikun qed jippatroċinah "jitla aktar 'il fuq" sabiex jistabilixxi

l-korrettezza tat-titolu li se jkun jakkwista. Li r-riċerki ma sarux kif kellhom isiru jirriżulta mix-xhieda ta' Joseph Gambin prodott mill-istess appellant;

(b) kwantu għall-preskrizzjoni, l-appellant naqas li jsostniha **wara** li l-esponenti esebixxa l-korrispondenza skambjata mal-konsulenti ta' l-istess appellant li, fiha nfisha, timplika atteggjament **kuntrarju** għall-preskrizzjoni bħal ma hi l-ittra tat-3 ta' Mejju 1982 li tgħid li **legalment** l-attur seta' kellu raġun iżda moralment le;"

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħat il-trattazzjoni;

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju, 1994 li bih il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tqis l-ewwel aggravju ta' l-appellant illi hu dejjem adempixxa l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' enfitewsi temporanja fil-konfront tal-persuna li minn għandha ottjena l-konċessjoni u li magħha biss hu jippretendi li għandu relazzjoni ġuridika. Hu jissottometti wkoll illi jekk min ittrasferielu l-art **naqas** li jimponielu xi kondizzjoni oriġinali li kienet ġiet imposta fuq l-att li bih ġiet konċessa fl-ewwel lok l-art in enfitewsi, dana ma kellux jirrispondi għaliha imma min ikkonċedielu l-art;

L-appellant ġustament jirribadixxi li dawn il-proposizzjonijiet ma humiex fil-każ in eżami korretti. Hu risaput illi l-ħlas tal-kanone jiggrava fuq il-proprjetà u li l-proprjetà hi l-garanzija tal-

pagament tiegħu u tagħmel tajjeb għalih versu d-direttarju. Dan ifisser illi s-sub-enfitewta sew jekk mhux rikonoxxut mid-direttarju u aktar u aktar jekk hu hekk rikonoxxut hu obbligat li jagħmel tajjeb bil-proprjetà għall-ħlas taċ-ċens. Kif hu wkoll obbligat li josserva l-adempiment ta' dawk il-klawsoli tal-konċessjoni enfitewtika **oriġinali** li jimponu kondizzjonijiet juq iċ-ċenswalista favur id-direttarju bħala parti mill-konsiderazzjoni tal-għoti tal-konċessjoni. Dawn huma kondizzjonijiet li, bħaċ-ċens, jiggravaw il-proprjetà u jikkondizzjonaw it-tgawdija tagħha mill- enfitewta u s-suċċessuri tiegħu fit-titolu. Kien allura jispetta lis-sub-enfitewta li jivverifika sewwa l-provenjenza tal-proprjetà li kien intenzjonat li jieħu b'enfitewsi temporanja u jaċċerta ruħu anke mill-kondizzjonijiet li kellu jissodisfa lid-direttarju skond ma jkun ġie minnu impost fil-konċessjoni oriġinali. Ma jagħmilx hekk riskju tiegħu. Hu ovvju li l-inadempjenza jew in-non-kuranza tiegħu bl-ebda mod ma tista' tippreġudika d-drittijiet tad-direttarju, kif lanqas ma jista' s-sub-enfitewta jeżonora ruħu mill-obligu minnu assunt sempliċement billi jsostni illi min ikkonċedielu l-proprjetà ma imponiex fuqu dawk il-kondizzjonijiet li d-direttarju kien oriġinarjament impona. Jibqa' dejjem direttament responsabbli versu d-direttarju għal-adempiment ta' dawn l-obbligi salv li f'ċerti każi jista' hu jkollu dritt ta' ridress kontra min ikun ikkonċedielu l-proprjetà. Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant huma f'dan ir-rigward insostenibbili;

Hi però għall-kuntrarju sostenibbili u ben fondata fil-liġi s-sottomissjoni tiegħu illi "ma jeżisti ebda att illi jistipula li huwa għandu jħallas l-ammont rikjest mill-attur *nomine*". L-attur *nomine* qed jirreklama minn għand il-konvenut is-somma ta' Lm150 għall-15-il sena ċens arretrat bir-rata ta' Lm10 fis-sena għaż-żmien mis-17 ta' Ottubru **1978** sas-16 ta' Ottubru **1993**. Hu

jibbaża l-pretensjoni tiegħu - u dan ikkonfermat ukoll mill-korrispondenza minnu eżebita - fuq il-klawsola 8 tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali tal-**24 ta' Frar, 1967** in atti Nutar Dottor Francis Micallef. Sewwa li tiġi riportata din il-klawsola "*verbatim*" billi hu fuq l-interpretezzjoni tagħha li hi bbazata t-talba attriċi kkontesta mill-konvenut appellant:

"*The grantor binds himself to* ***release*** *from the obligations of solidarity and indivisibility of the* ***payment*** *of the groundrent any sub-emphyteuta or assignee* (kif hu indubbjament l-appellant) *within one month from the time he is requested to do so by the interested party* ***provided*** *that there exists on the said plot so released buildings and/or other permanent structures having value sufficient to ensure the payment of the groundrent imposed thereon;* ***and provided*** *that in each particular case the groundrent burthening such plot* ***exceeds*** *ten pounds (£10);*"

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Ma tistax tifhem bl-liema akrobazija mentali wieħed jista' jikkonkludi illi din il-klawsola tipprovdi għal xi **awment** ta' ċens favur id-direttarju;

Tali awment la tipprovdi għalih impliċitament u wisq anqas espliċitament. Ma tistax tifhem kif kulħadd inkluża l-ewwel Qorti fehem mod ieħor kontra l-miktub u kontra l-ispirtu tal-miktub. Hu ċar illi l-klawsola timporta **biss obbligazzjoni** da parti tad-direttarju - l-attur *nomine* - li jeħles mill-obbligu tas-solidarjetà u l-indiviżibilità taċ-ċnus tas-subenfitewta **jekk jiġi hekk mitlub li jagħmel** min persuna interessata. Din l-obbligazzjoni tavvera ruħha biss jekk jokkorru żewġ **kondizzjonijiet**:- (a) li jkun hemm benefikati strutturali biżżejjed biex jiggarantixxu l-pagament taċ-

ċens impost fuq il-parti trasferita; u (b) li f'kull każ partikolari ċ-ċens **gravanti** il-plot ikun jeċċedi l-Lm10. Hu ċar li s-sanzjoni jekk tkun nieqsa xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet setgħet tkun biss li d-direttarju ma jkunx **obbligat** li jeħles lis-subenfitewta mis-solidarjetà u l-indiviżibilità taċ-ċens. Ċertament ma hijiex li s-sub-enfitewta jista' jiġi mġiegħel jikkonferma ma' dak stipulat fil-kondizzjonijiet msemmija u cioè li jiġi **forzat** li jibni l-benefikati strutturali ndikat fil-kuntratt jew li jiġi forzat - kif qed jippretendi l-attur *nomine* - li jħallas u ċjoè li jiġi awmentat iċ-ċens għall-aktar minn Lm10 minn dak li jkun kalkolat li hu dovut fuq l-art trasferita pro rata miċ-ċens oriġinali impost;

Imkien fil-kuntratt ma hemm ikkontemplat iż-żieda awtomatika fiċ-ċens kif qed jippretendi l-attur *nomine*, minn imkien ma toħroġ li hekk kienet l-intenzjoni tal-kontraenti u mhux leċitu f'dawn iċ-ċirkostanzi li wieħed jipprova jislet obbligazzjoni fejn il-kuntratt hu ċar u ma jippermetti jew ma jeħtieġ l-ebda interpretazzjoni;

Hu ċar ukoll il-movent wara l-ħtieġa li tiġi nserita klawsola simili fil-kuntratt u x'kien ir-"*ratio*" tagħha. Il-kuntratt ġie pubblikat fil-1968 u kien jimporta l-għoti b'titolu ta' ċens temporanju ta' territorju estensiv ta' proprjetà koperta fi pjan regolatur. L-art kienet ovvjament qed tiġi konċessa għal spekulazzjoni edilizja u dan jidher ċar mit-termini tal-kuntratt innifsu. Kien jipprospetta l-ispartizzjoni tat-territorju fi plots għall-bini u l-konċessjoni tagħha b'titolu ta' sub-enfitewsi lil terzi. Kien għalhekk vantaġġjuż għall-enfitewta u aktar u aktar għas-sub-enfitewta - u anzi kien konduċenti għal negozju tajjeb u nadif - illi jiġu eżentati kemm jista' jkun mis-solidarjetà u indiviżibilità taċ-ċens fuq it-territorju sħiħ meta jsiru s-sub-konċessjonijiet;

*Dana fi żmien meta tali eżenzjoni kienet għadha fakoltattiva għad-direttarju u setgħet tingħata biss bil-kunsens u bi ftehim miegħu.* Jiġifieri qabel ma daħal fis-seħħ l-Art. XXVII tal-1976 li obbliga lid-direttarju li jirrikonoxxi direttament lis-sub-enfitewta u abolixxa s-solidarjetà u l-indiviżibilità taċ-ċens prattikament għal kollox. Mill-banda l-oħra d-direttarju kellu kull interess li ċ-ċens ma jiġix frazzjonat b'mod eċċesiv u rriżorju u kien għalhekk li **ġie kkonkordat** fl-interess tal-kontraenti illi r-rikonoxximent mid-direttarju seta' jiġi rrifjutat jekk **ir-rata taċ-ċens** fuq l-art li tagħha jkun qed jiġi mitlub ir-rikonoxximent dirett mid-direttarju ma jkunx jeċċedi l-Lm10. Dan bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li jfisser li kull rata ta' ċens inferjuri għall-Lm10 kellha tiġi "*ex contractu*" awmentata għall-Lm10 jew iżjed. Il-kontraenti dan ma kitbuhx u ma ftehmuhx;

Tibqa' miftuħa l-kwistjoni jekk il-klawsola 8 kif ġiet riportata fuq baqgħetx valida fil-liġi **wara** li ġie fis-seħħ l-Att XXVII ta' l-1976 fuq iċċitat. Jiġifieri jekk id-direttarju jistax **jirrifjuta** li jirrikonoxxi direttament lis-subenfitewta li jkollu rata ta' ċens anqas mill-Lm10 stabbilita fil-kuntratt;

Dan in vista ta' l-Artikolu 1499 (e) tal-Kap. 16 li jipprovdi li ċerti klawsoli għandhom jiġu mħarsa fil-każijiet kollha u "kull ftehim kontra għalihom ikun mingħajr effett". Dan l-aspett tal-kwistjoni qed jibqa' *impreġudikat* in kwantu ma jivestix direttament il-meritu tal-Kawża kif proposta u t-talbiet attriċi;

Mill-premess il-Qorti tikkonkludi illi l-attur *nomine* ma *għandu l-ebda dritt li jirreklama minn għand il-konvenut iż-żieda fiċ-ċens impost fuq il-garage* imsemmi fl-Avizz li kien jammonta *għall-28 ċenteżmu* 7 milleżmi fis-sena - li hi r-rata oriġinali taċ-ċens *pro rata* - u dan għal Lm10 fis-sena. Għal kull buon fini jiġi

ddikjarat illi ma nġiebet l-ebda prova illi l-attur *nomine* ġie **mitlub** biex jeħles lill-konvenut mill-obbligazzjonijiet ta' solidarjetà u indiviżibilità fil-ħlas taċ-ċens kif stipulat fl-istess artikolu 8 fuq ċitat. Iċ-ċens gravanti l-art konċessa lill-konvenut skond il-konċessjoni oriġinali u li hi dovuta lill-attur *nomine* hu għalekk l-ammont fuq indikat ta' 28 ċenteżmu 7 milleżmi (28c7) fis-sena;

Dan stabbilit jibqa x'jiġi deċiż l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut a tenur tas-subinċiż (a) ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni fuq din il-konsiderazzjoni żbaljata;

"Il konvenut ma ġab l-ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni tiegħu u għalhekk din ma tistax tingħad li ġiet ipprovata;"

Il-konvenut li jeċċepixxi l-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni ma jeħtieġlu jipprova xejn ħlief li l-preskrizzjoni eċċepita hi dik li tapplika għall-każ u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta għall-attur kreditur li jagħżel it-triq kif irid jiddefendi ruħu kontra din l-eċċezzjoni bil-mezzi li tagħtih il-liġi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjaħlu għall-gurament deċiżorju;

Minn dan kollu l-attur ma għamel xejn u allura tirriżulta sostenibbli l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija;

Mill-banda l-oħra l-Qorti ma ssegwix ir-raġunament ta' l-ewwel Qorti:

"li d-dokumenti esibiti (korrispondenza u kuntratti) u mhix-xhieda prodotti jirriżulta **li l-aġir tal-konvenut** ma kienx kompatibbli ma' wieħed li jrid jipprevalixxi ruħu mill-preskrizzjoni";

Konsiderazzjoni din għal kollox estraneja għas-sistema ġuridiku nostran li ma jippermetti l-ebda indaġini simili f'materja ta' preskrizzjoni u għall-kuntrarju jistabbilixxi proċeduri preċiżi kif din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk milqugħa bil-konsegwenza illi l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur hu dak għall-iskadenzi tal-ħames snin qabel l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Ottubru, 1992 ċjoè għas-snin 1987-1992. L-ammont ta' ċens fis-sena kif fuq ingħad ta' 28c7m u għal ħames snin iġġib is-somma dovuta għal Lm1.20c35m. It-talba għaċ-ċens anterjuri għal dan il-perjodu qed tiġi ddikjarata preskritta;

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa'* l-appell interpost mill-konvenut u l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *nomine* a saldu ta' l-ammont minnu pretiż f'ċens arretrat is-somma ta' Lm1.20c3m u dana għal ħames snin ċens bejn l-1987 u l-1992 bir-rata ta' 28c7m u tiddikjara l-azzjoni għall-ħlas taċ-ċens gravanti l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni qabel l-1987 perenta a tenur ta' l-Artikolu 2156 subinċiż (a) tal-Kap. 16;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-attur *nomine.*